Ref Nru 6

Il-minuti tas-sitt laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 16 ta' Ottubru 2015, fis-6:30 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Ghazla tal-offerta ghal Rinnovazzjoni tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa, Qala, inkluz provvista u installazzjoni ta' ghamara tat-toroq bl-uzu ta' materjal u prodotti tal-kostruzzjoni li huma *Environmental Friendly* – Offerta numru 5/2015.

2.1 Ghall-offerta ghal Rinnovazzjoni tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa, Qala inkluz provvista u installazzjoni ta' ghamara tat-toroq bl-uzu ta' materjal u prodotti tal-kostruzzjoni li huma *Environmental Friendly* li nharget ghall-pubbliku giet sottometta offerta wahda ta' Xerri's Landscaping Co. Ltd. Din l-offerta nfethet fil-pubbliku nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2015 f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, il-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u l-offerent Thomas Xerri. Il-prezzijiet li gew sottometti gew mnizzlin f'skeda tal-offerti li kopja taghha giet annessa ma' dawn il-minuti. Gie trattat l-*adjudication report* li gie ppreparat mill-Perit William Lewis fejn irrakkomanda li ghandha tigi accettata l-offerta ta' Xerri's Landscaping Co. Ltd. Il-Kunsill iddiskuta li l-fanali ezistenti ma tantx ilhom hemm. Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa fuq il-rakkomandazzjoni tal-Perit u ghalhekk gie deciz li ghandha tigi accettata din l-offerta u li l-*item* tal-fanali ma jsirx peress li ser jintuzaw dawk ezistenti.

Gew diskussi xi materji ohra:

Giet trattata ittra li l-Kunsill ircieva minghand il-Perit Edward Scerri f'isem Salvu Mintoff and Sons Ltd. fejn talbu konfirma mill-Kunsill li l-Kunsill qatt m'ghamel xoghol ta' manutenzjoni fit-triq li taghti ghal barriera tal-blat tal-qawwi taghhom peress li dan it-tip ta' xoghol is-soltu jaghmluh is-sidien tal-barriera. Il-Kunsill iddiskuta li jista` jkun li jridu din ir-risposta peress li l-MEPA jista` jkun li talbithom biex iddahhlu kundizzjoni fil-permess taghhom bhal dik tas-sid tal-barriera l-ohra. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandu jigi nformat Salvu Mintoff & Sons Ltd. sabiex jibghat ittra lill-Kunsill b'avukat dwar din il-kwistjoni u b'hekk il-Kunsill ikun jista` jaghti risposta lura b'avukat.

Il-laqgha ntemmet fit-7:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 13 ta' Novembru 2015.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |